FONTANA

Minuti tat-tnax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 28 ta` Frar 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Skużat:** | Is-Sur Lorry Apap |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Korrispondenza

Il-*Malta Red Cross Society – Gozo Branch* talbu donazzjoni lill-Kunsill ta` Lm43 sabiex ikun jista` jsir *'upgrade'* ta` l-ambulanzi u l-ilbies protettiv f`każ li tinqala` nfluwenza pandemika. Il-Kunsill qabel illi jagħti din id-donazzjoni.

Fondazzjoni Arka bagħtet korrispondenza dwar l-attivita' li ser issir fir-*Respite Centre* f`Sibt il-Għid. Il-Kunsill ġie mistieden jattendi għal din l-attivita', jżur iċ-Ċentru u jagħti donazzjoni. Is-Sindku ssuġġerixxa li tingħata donazzjoni ta` Lm30. Il-Viċi-Sindku qal illi huwa jaqbel għaliex din hija kawża ġusta. Il-Kunsill qabel.

Il-Moviment Kerygma bagħat korrispondenza dwar 'Premju Żgħażugħ tas-Sena 2006'.

*WasteServ Malta Ltd.* bagħtet korrispondenza dwar l-użu mill-faċilitajiet għar-rimi ta` skart.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta` l-Ugwaljanza (NCPE) bagħtet formoli t`ilmenti għall-pubbliku ngenerali.

Il-Korporazzjoni EneMalta bagħtet stima ta` Lm254 sabiex jiġi mħarrek id-dawl taż-*zebra crossing* li hemm fi Triq tal-Għajn kif mitlub mill-Kunsill biex jitwettqu l-ilmenti li hemm. Is-Sindku qal li din l-istima għandha tintbagħat lill-Gvern Ċentrali peress kien hu li għamel din iż-*zebra crossing*. Il-Kunsill qabel. Għandha tintbagħat il-korrispondenza ta` Fr. Charles Cini u jissemma l-punt tal-Kummissjoni ta` l-Armar dwar l-istess suġġett.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma bagħtet applikazzjonijiet dwar 'Avviż taż-żjara tal-*meter reader* ta` post li ma jintużax regolarment'.

Is-Sezzjoni Riżorsi Umana fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser torganizza kors dwar it-taħriġ fil-lingwa tal-Malti għas-Segretarji Eżekuttivi. Għas-Segretarji Għawdxin dan il-kors ser jiġi organizzat nhar l-Erbgħa, 29 ta` Marzu 2006 mid-9.00a.m. san-12.30p.m. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tattendi għal dan il-kors.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar ħlas għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja.
Il-Ministeru tas-Saħħa bagħat kopji t`applikazzjonijiet għall-Karta ta` l-Assikurazzjoni tas-Saħħa ta` l-Unjoni Ewropea *(EHIC)*.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana. Fost dawn l-applikazzjonijiet kien hemm applikazzjoni nru. 00114/06 tas-Sinjuri Mario u Maria Vella. Il-Kunsill ma jaqbilx li jiġi regularizzat il-permess ta` kamra li nbniet illegalment fil-bidu ta` Triq ix-Xlendi, dan għal raġunijiet ambjentali. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-M.E.P.A. b`dan.
L-AKL infurmat lill-Kunsill li ser issir laqgħa ma` l-Onor. Edwin Vassallo nhar it-Tlieta, 14 ta` Marzu 2006 dwar il-*'one time permits regulations'* fil-Ministeru għall-Kompetitivita' u Kommunikazzjoni.
Inqrat Ċirkulari AKL 9/2006 dwar Ħaddiema IPSL. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet din l-ittra billi nfurmat li l-Kunsill għandu tliet ħaddiema li qegħdin jirrapurtaw għax-xogħol.
Inqrat Ċirkulari AKL 10/2006 dwar *Bring-in-Sites*.
Inqrat Ċirkulari AKL 11/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Josephine Bezzina, omm is-Sur Carmelo Bezzina, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Santa Luċija.
Inqrat Ċirkulari AKL 12/2006 dwar Talba għall-ġemellaġġ ma` Capri Leone (provinċja ta` Messina).
Inqrat Ċirkulari AKL 13/2006 dwar Ġbir ta` papri mill-lokalitajiet.
Inqrat Ċirkulari AKL 14/2006 dwar Talba għall-Ġemellaġġ ma` *Collina d`Oro*, f`Isvizzera.
Inqrat Ċirkulari AKL 15/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Maria Loreta, il-kunjata tas-Sur Michael Cohen, Viċi-President ta` l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u Sindku tal-Kalkara.
Inqrat Ċirkulari AKL 16/2006 bis-suġġett *"The Express Guide to Professionals"*. L-*Info Express* issa qed jitolbu Lm15, VAT mhix inkluża minflok Lm23.60,0.
Inqrat Ċirkulari AKL 17/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Emmanuela Mallia, omm is-Sur Tony Mallia, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Sliema.
Inqrat Ċirkulari AKL 18/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Rita Cassar, omm is-Sinjura Doris Vella, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Tarxien.
Inqrat Memo 4/2006 dwar Pubblikazzjoni ta` Avviż Legali Nru. 22 ta` l-2006.
Inqrat Memo 5/2006 dwar Mistoqsija Parlamentari Nr. 16930. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-risposta għal din il-mistoqsija.
Inqrat Memo 6/2006 dwar Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali.

## Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Anthony Cassar staqsa lis-Sindku kif il-katusa f`tarf Triq ta` Mulejja mhix lesta. Is-Sindku wieġeb illi dan ix-xogħol kien qed isir mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp u bħalissa hu wieqaf peress li hemm *stop notice* fuq dan il-*culvert*. Madwar tliet ġimgħat ilu s-Sur Joe Portelli, Direttur, talab lis-Sindku kopja tar-rapport li kien ħejja l-Perit Saviour Micallef f`Settembru 1996 dwar dan il-*culvert*.

**Laqgħa tal-Lokalita`**

Ġie deċiż illi l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ħadd 19 ta` Marzu 2006 fiċ-Ċentru Parrokkjali fid-9.15a.m. Għaldaqstant għandhom jitqassmu avviżi f`kull dar u avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| Laura Grech | Lm | 60.00,0 |
| *Gozo Verticals & Shades* | Lm | 4.80,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| *OS3* | Lm | 19.67,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 127.30,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm | 17.02,0 |
| Jenise Grech | Lm | 69.44,0 |
| *Horace Enterprises Ltd.* | Lm | 20.00,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 5.50,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 9.60,0 |
| *Olimpus Music Ltd.* | Lm | 171.25,0 |
| *Video-On-Line Limited* | Lm | 11.80,0 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Lm | 268.58,0 |
| *Office Needs* | Lm | 128.95,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm | 6.24,0 |
| *Gozo Pottery Barn* | Lm | 20.00,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 4.62,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| Jenise Grech | Lm | 69.44,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 523.25,0 |
| Emanuel Caruana | Lm | 20.00,0 |
| *Vassallo Jewellery* | Lm | 26.00,0 |
| *Malta Red Cross Society – Gozo Branch* | Lm | 43.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 91.34,0 |
| *Flower Zone* | Lm | 7.30,0 |
| Total | | Lm1992.72,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 10/2005 ġiet approvata.

Ilmenti/Suġġerimenti

Is-Sinjura Maria Buttigieg ta` 132, Triq tal-Għajn kitbet lill-Kunsill illi l-passaġġ ta` taħt ir-*railing* qed irabbi ħafna ħass u sar perikoluż ħafna. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi minħabba l-urġenza ta` dan l-ilment huwa ħa ħsieb li jinxtara kimika apposta sabiex ikun jista' jitneħħa l-ħass. Is-Sindku qal illi għad fadal x`jitneħħa pero' fejn kien hemm periklu tneħħa.

Is-Sur Simon Micallef ta` *'Serenity'* Triq l-Isptar San Ġiljan kiteb lill-Kunsill fejn infurmah illi peress li qed jipparkjaw eżatt mad-dħul tad-*drive-way* fejn hemm diversi garaxxijiet, ma jkunx jista jara humiex ġejjin karozzi u mhux l-ewwel darba li jkun ser isir xi nċident. Filwaqt li ppreżenta ritratti tas-sitwazzjoni, huwa talab sabiex isiru sinjali sofor biex ma jipparkjawx qrib ħafna mad-*drive-way.* Il-Kunsill qabel illi jgħaddi din it-talba lill-A.D.T.

Is-Sur Andrew Bazargan ta` 141 'Ir-Razzett` Triq tal-Għajn talab sabiex issir bankina quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel illi jinforma lis-Sur Bazargan sabiex japplika għal bankina lill-M.E.P.A. peress li l-parti ta` fejn irid il-bankina f`Wied Siekel hija skedata.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur George Cassar li jixtieq illi ssir laqgħa ma` l-A.D.T. dwar il-ftuħ ta` Triq Vajrinġa waqt il-ħinijiet ta` l-iskola, dan peress li ta` sikwit qed ikun hemm kju twil ta` karozzi fi Triq tal-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill qabel illi jitlob li ssir laqgħa mad-Direttur Audrey Testaferrata de Noto ta` l.A.D.T.

Il-Kunsilliera Maria Schembri ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir *patching* fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkuntattja lil Louis Portelli sabiex iwettaq dan ix-xogħol.

Materji oħra

Kien hemm erba` kwotazzjonijiet għax-xiri ta` *fax.* Dawn kienu:

- *Office Needs* – Panasonic KX FP141 Lm67.00,0;
- *Sound & Vision* – Panasonic KX FP141 Lm69.00,0;
- *Office Equipment* - Canon B820 Lm101;
- *Office Club* – Canon B820 Lm110.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jixtri *fax Panasonic* għall-prezz ta` Lm67 mingħand l-*Office Needs* b`sena garanzija. Din l-offerta kienet l-irħas waħda.
L-*OS*3 bagħtet kwotazzjoni għal xiri ta` *scanner* flimkien ma` *software* u taħriġ sabiex ikunu jistgħu jsiru l-*captions* għar-ritratti li jidhru fuq il-*Website* għall-prezz ta` Lm54.28,0. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-mera li kienet ser issir fi Triq il-Qalb ta` Ġesu' mhix ser titwaħħal fil-post indikat mis-Sur Louis Portelli għaliex kien hemm xi oġġezzjonijiet mis-sidien tad-djar fejn kienet ser teħel.

Il-Kunsill qabel illi jixtri aktar żebgħa bajda sabiex ikunu jistgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi nxtraw il-*belisha lights* għaż-*zebra crossing* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Issa l-Kunsill irid jieħu ħsieb li jiġu nstallati, għaldaqstant għandha tintalab stima lill-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill qabel illi jixtri ktieb bl-isem *"The Public Gardens and Groves of the Maltese Islands"* ta` l-awtur Joseph Borg.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għaċ-ċerimonja ta` l-inawgurazzjoni tal-monument li saret fi Pjazza Indipendenza f`ġieh l-Arċipriet Saver Cassar fl-okkażjoni tal-mitejn sena minn mewtu. Dan ġie nawgurat mill-Eċċellenza Tiegħu Dr. Eddie Fenech Adami, President ta` Malta.

Sar ukoll rapport lill-veterinarju dwar tiġieġ slavaġġ li jinsabu wara d-djar ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u n-naħa ta` fuq ta` Triq tal-Għajn. Is-Sindku qal ukoll li ġab kopji ta` ritratti tal-Għajn il-Kbira mill-Arkivji Nazzjonali meħuda fis-snin erbgħin tas-seklu li għadda. Saru wkoll l-applikazzjonijiet lill-M.E.P.A. dwar Wied Siekel u l-aħħar parti ta` Triq Għajn Tuta li twassal għal Wied il-Lunzjata kif rakkomandat minn uffiċċjali tal-M.E.P.A. Dwar dawn saret żjara fuq il-post mis-Sindku u l-Perit John Saliba.

Saret ukoll l-applikazzjoni lill-M.E.P.A. biex jiġi emendat il-permess maħruġ għal bini ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku qal li issa trid tintalab id-devoluzzjoni tal-*'area'* li ġiet miżjuda jiġifieri l-fond 191 fi Triq tal-Għajn u parti mill-*PlayingField* li parti minnha li hija s-saqaf tal-latrini pubbliċi u ta` żewġt ikmamar li fil-festa titulari jintużaw bħala għassa tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

Is-Sindku qal li hemm bżonn isiru sinjali sofor quddiem Triq il-Qalb ta` Ġesu' fi Triq tal-Għajn biex ma jsirx ipparkjar fuq il-bankina peress li qed issirilha l-ħsara u t-traffiku jkun jista` jgħaddi aħjar. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn Salvu Cini biex jinbidel bank li jinsab ħdejn id-dar nru. 266 fi Triq tal-Għajn. Il-Kunsill qabel li jinbidel ukoll l-ieħor li hemm ftit aktar `l fuq biex ikun pariġġ. Sar qbil ukoll biex tinġab stima biex isir id-dawl tax-xelter mingħand Michael Bugeja. Dwar dan ix-xogħol is-Sindku nforma lill-Kunsill li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ippruvaw kemm il-darba jagħmlu kuntatt bil-*mobile phone* mas-Sur Frank Borg, rappreżentant ta` 'Din l-Art Ħelwa' f`Għawdex biex jaraw fejn kienet waslet it-talba li kien għamel il-Kunsill, pero` l-*mobile* qatt ma ġie mwieġeb.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ħareġ il-permess mill-M.E.P.A. biex isir ir-restawr li hemm bżonn tal-Għajn il-Kbira. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li tinħareġ offerta biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal li ser javviċina lil Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* biex jekk ikun jista` jgħin f`dan ir-restawr.

Is-Sindku qal ukoll li għandu jinżebgħa r-*railing* tat-telgħa `l isfel mill-Knisja peress li issa għaddew aktar minn erba` snin li sar u ġie galvanizzat. Dan għandu jinżebah aħdar skur bl-arma tal-Fontana bajda u blu b`ċirku isfar. Il-Kunsill qabel.

Dwar ix-xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Kunsill saret il-manutenzjoni tal-*PlayingField*, żewġ tappieri tad-drenaġġ, sinjali tat-traffiku u rranġar tar-*railing* ħdejn il-*Fontana Cottage Industry*. Tneħħija tal-ħass fi Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata u taħt ir-*railing* `l isfel mill-Knisja. Sar ukoll xogħol ta` *patching* fi Triq tal-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan minn Louis Portelli, l-Uffiċċjal Inkarigat, peress li dawn huma toroq arterjali.

Ġew ukoll imwettqa l-ilmenti dwar *'Keep Clear'* quddiem Sqaq ta` Bieb il-Għajn u *'Reserved'* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Twettaq ukoll l-ilment ta` Josephine Borg.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li attenda għall-laqgħa organizzata mill-Ministeru għal Għawdex mas-sidien tal-ħwienet dwar ix-xogħol li ser isir biex tinbena mill-ġdid it-Triq tax-Xlendi. Dan mistenni jibda f`Awwissu li ġej. Din l-informazzjoni ngħatat mill-Onor. Ġiovanna Debono, Ministru għal Għawdex u l-Perit Angelo Portelli li hu nkarigat mill-proġett.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-bidu ta` Frar inqalgħet mera u tkissret bil-maltemp fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Din saret mill-ġdid mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp.

Saret ukoll laqgħa mad-Direttur tal-Libreriji s-Sur Philip Borg. Attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Borg talab lill-Kunsill biex jinfurmah dwar l-għaqdiet kollha tal-Fontana, kull materjal ta` pubblikazzjonijiet li joħorġu anke l-Bullettin tal-Parroċċa jgħaddu żewġ kopji tiegħu lill-Arkivju Nazzjonali biex tinżamm kopja f`Malta u oħra f`Għawdex. L-istess għandu jsir mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill diġa qed jagħmel dan u s-Sindku wiegħed kull ko-operazzjoni min-naħa tal-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sar rapport lill-MEPA dwar qtugħ ta` siġra qadima taż-żebbuġ fil-bidu ta` Triq ix-Xlendi, dan wara li Anton Cassar irrapporta b`dan lill-Kunsill.

L-appell tal-ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi ġie diferit għax-xahar ta` Lulju.

Is-Sindku attenda kunċert fl-Oratorju Don Bosco mtella` mill-*Gozo Youth Wind Band & Orchestra*. F`din is-serata ġie mħabbar mis-Surmast Joseph Grech li l-Kunsill tal-Fontana sponsorja ħames *stands* lil din l-orkestra.

Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsilliera Anthony Cassar u Maria Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħadu sehem fil-laqgħa ta` merħba organizzata mill-parroċċa fil-Knisja Parrokkjali f`ġieħ Mons. Mario Grech, l-Isqof il-ġdid t`Għawdex.

Saret ukoll il-laqgħa ma` l-Isqof fl-Uffiċċju tal-Kunsill li għaliha kienu preżenti l-membri kollha kif ukoll il-Kappillan il-Kan. George Bezzina.

Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Anthony Cassar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew Konċelebrazzjoni Solenni fil-Knisja Parrokkjali bħala għeluq taż-żjara fraterna li Mons. Isqof Mario Grech għamel fil-parroċċa tagħna. Waqt l-offertorju s-Sindku ħa sehem fl-offerta u wara l-quddiesa ppreżenta gwarniċ tal-fidda b`ritratt tal-lokal tal-Fontana lil Mons. Isqof Mario Grech. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti wara ġew mistiedna għal riċeviment ta` l-okkażżjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi jorganizza ħarġa soċjo-kulturali f`Malta għall-anzjani nhar il-Ħamis, 16 ta` Marzu 2006. Huwa għandu jħejji l-programm.

Is-Sindku ppropona li jinġabru *quotations* għal xiri ta` tapiti taħt l-affarijiet tal-logħob fil-*Playing Field*. Il-Kunsill qabel.

Ġie ppreżentat ir-rapport (Memo Nru. 6) mħejji mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-aħħar tliet xhur tal-Kunsill preċedenti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal dan ir-rapport. Is-Sindku ppropona li fejn hemm in-nuqqasijiet dawn għandhom jiġu rranġati. Is-Sindku ser jieħu ħsieb li dawn in-nuqqasijiet jiġu rranġati. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi-Sindku qal illi huwa jaħseb li hemm problema bl-*open skips* peress li qed ikun hemm min imur u ma jsibx fejn jarmi. Huwa staqsa hemmx il-possibilita' li jibda jinġab kull ġimgħa. Il-Kunsilliera Maria Schembri qalet illi hija taqbel ma` dan. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għalissa jibqa' kull ħmistax u li jqabbad ħaddiem milli għandna assenjati u joqgħod ħdejn l-i*skip* sabiex jiċċekkja li l-i*skip* jiġi użat biss mir-residenti tal-Fontana. Is-Sindku qal illi r-residenti għandhom jiġu edukati u mħeġġa li jagħmlu użu mill-*bring-in-sites* li hemm fl-istess post. B`hekk issir aktar is-separazzjoni ta` l-iskart. Dan il-ħaddiem għandu jibda b`effett mis-Sibt li ġej.

Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi l-*computer* li jintuża għall-*internet* għandu bżonn *upgrade*. Il-Kunsill qabel.
Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi min għandu bżonn li ssir it-tappiera tad-drenaġġ, għandu javviċina lill-Kunsill. Din issir mill-ħaddiema li għandu l-Kunsill u t-tappiera għandha tinxtara mir-residenti. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta` Marzu 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku